Kunsill Lokali **SAN PAWL IL-BAĦAR** Local Council

**MINUTI - LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 21 – L-ERBGHA, 28 TA' SETTEMBRU 2016**

**Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar mis-19:00 sad-21:30.**

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | **Graziella Galea** | **Sindku** |
| | **David Thake** | **Viċi Sindku (19:15)** |
| | **Alfred Grima** | **Kunsillier** |
| | **Raymond Tabone** | **Kunsillier** |
| | **Paul Bugeja** | **Kunsillier (sad-20:58)** |
| | **Stephen Cremona** | **Kunsillier** |
| | **Robert Piscopo** | **Kunsillier (19:10 – 20:30)** |
| | **Joseph Vella** | **Kunsillier (sad-20:46)** |
| | **Antoinette Bezzina** | **Kunsillier** |
| | **Daniel Grima** | **Kunsillier (19:15)** |
| | **Malcolm Agius** | **Segretarju Eżekuttiv** |

Skużati:

| | | |
|---|---|---|
| | **Mandy Buhagiar** | **Kunsillier *(raġunijiet personali)*** |
| | **Matthew John Barbara** | **Kunsillier *(raġunijiet ta' saħħa)*** |
| | **Anne Fenech** | **Kunsillier *(raġunijiet ta' saħħa)*** |

**Kien preżenti wkoll Paul, Gatt li sa ftit jiem ilu kien jokkupa l-kariga ta' Aġent Segretarju Eżekuttiv.**

***Il-laqgħa kienet qed tiġi trasmessa dirett.***

1. APOLOĠIJI U RINGRAZZJAMENT

**1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kunsillieri Buhagiar, Barbara u Fenech kienu nfurmawh li ma setgħux jattendu.**

**1.2. Is-Sindku, f'isem il-kunsill kollu rringrazjat lis-sur Paul Gatt u laqgħet lis-Segretarju Ezekuttiv il-ġdid Malcolm Agius. Il-kunsillier A. Grima awgura ħidma bla waqfien u wiegħed sapport.**

1.3. Is-Sur Gatt formalment irringrazzja lil kulħadd. Stqarr li ma kienitx esperjenza faċli imma li għallmitu ħafna u li japrezza meta l-kunsilliera ma jaqblux u jiddiskutu. Qal li fil-kunsill ta' San Pawl jara potenzjal qawwi u li l-persuni kollha huma validissimi bla distinzjoni u appella biex huma jaħdmu flimkien għall-ġid ta' San Pawl li hija lokalita' b'potenzjal kbir. Is-Sindku qablet ma' dawn il-kummenti.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

2.1. Kienu ppreżentati l-minuti li ġew meqjusa moqrija.

2.2. Il-Kunsillier A. Grima ppropona li f'paragrafu 5.3 jiżdiedu l-kelmiet 'fakkar li fil-Qawra hemm ċentru għall-istess għan' qabel il-kelma 'ippropona'

2.3. Il-Kunsillier A. Grima ippropona li f'punt numru 6.2 wara l-kelma 'ammont' tiżdied il-kelma 'kbir' u għalhekk il-frażi emendata tkun 'ammont kbir ta' direct orders'

2.4. F'dan il-ħin wasal il-kunsillier Piscopo.

## 3. PUNTI MILL-MINUTI

3.1. Dwar punt 4.4 is-Sindku nfurmat li kien hemm bdil fis-Supretendent inkarigat mil-lokalita' u li nfurmat b'din it-talba lis-Supreterndent il-ġdid.

3.2. Dwar punt 4.6, is-Sindku qalet li kien hemm kliem ta' tifħir dwar l-attivita' li kienet organizzata mill-ISKSP u mill-parroċċa ta' San Pawl il-Baħar u li għaliha kien hemm preżenti l-Eċċellenza Tagħha l-President ta' Malta li wkoll kellha kliem ta' tifħir. Is-Sindku rringrazzjat lil dawk li kienu nvoluti fl-attivita' u qalet li kienet attivita' li għaqqdet lill-komunita'.

3.3. Is-Sindku qalet li l-applikazzjoni tar-restawr imsemmija f'punt 4.8 ġiet sottomessa u rringrazzjat lill-kunsillieri Fenech u Tabone li ħadmu fuq din l-applikazzjoni. Min-naħa tad-Direttorat tar-restawr ġejna nfurmati li t-tali restawr ma kienx ser jitkompla u għalhekk ġiet sottomessa l-applikazzjoni.

3.4. Dwar punt 5.2, is-Sindku qalet li l-applikazzjoni għal proġett MUNIGATE giet sottomessa.

3.5. Dwar punt 5.4 is-Sindku qalet li s-Segretarju Eżekuttiv issa gie mahtur u qrat il-korrispondenza relatata. Fakkret ukoll li s-Sur P. Gatt kien baghat korrispondenza dwar din il-hatra.

3.6. Dwar punt 5.5 is-Sindku qalet li l-ewwel clean up marret tajjeb u kien hemm madwar hamsin parteċipant. Irringrazzjat lil Gold Lion Holding u lid-Direttorat għat-tindif għal din l-attivita'. Is-Sindku tat dettalji dwar it-tieni clean up li ser isir nhar it-Tlieta 11 t'Ottubru..

3.7. Il-kunsillier A. Grima staqsa jekk kienx hemm zviluppi dwar punt 4.11. Is-Sindku qalet li ma kien hemm l-ebda zvilupp.

3.8. Dwar punt 5.9, il-kunsillier A. Grima staqsa jekk ittehditx xi decizjoni. Is-Sindku qalet li l-handyman infurmaha li fil-fatt l-oggetti mhux qed jintefghu fil-latrina propja imma f'xi kamra li qed tintuza bhala store u ilha hekk ghal diversi snin. Ladarba din ghadha propjeta tal-kunsill, il-kunsill qabel li din is-sitwazzjoni ghandha tigi regolarizzata billi l-klabb tas-Sirens jagħmel talba bil-miktub lill-kunsill biex jaghmlu uzu minn din il-kamra u jispjegaw x'ser ikun l-uzu taghha, u l-kunsill jiddiskutiha.

3.9. F'dan il-hin dahal il-Vici Sindku, u ftit wara l-kunsillier D. Grima.

3.10. Il-kunsillier A. Grima staqsa xi zviluppi kien hemm dwar punt 7.1 (Blues Ltd.). Is-Sindku qalet li Blues Ltd. Ipprezenta lista ta' 113 (mija u tlettax) pedestrian guard (U-bend) ftit minnhom bla isem, kif ukoll 39 (disgha u tletin) railing banners. Gie mistoqsi jekk dawk li qed jehlu mar-railings hux qed iwahhalhom hu jew le minħabba li ma jidhirx li r-railings huma propjeta tal-kunsill lokali. Is-Sindku qalet liBlues Ltd. gie mistoqsi jekk dawn hux kollha għandhom arranġament miegħu. u li dwar ir-railings qiegħda tittieħed azzjoni mill-awtorita' tat-turizmu u mid-direttorat għat-tindif.

3.11. Il-kunsillier Tabone qal li dawk li jirreklamaw it-trips tat-turisti ilhom zmien twil iwahhlu anke l-umbrellel mar-railings, dan anke bil-permess tal-kunsill, u li jekk il-kunsill ser jiddeciedi li ma jridx reklamar mar-railings, ghandna ninfurmaw direttament lil Blues Ltd.. Il-kunsillier Bugeja staqsa jekk dak li qed isir mar-railings hux qed isir minn Blues Ltd.. Il-lista mibgħuta minn Blues Ltd. tikkonferma dan. Il-Viċi Sindku stqarr li jekk dan ma jifformax parti mill-agreement ghandna ninfurmawh u naghtuh terminu li fih ghandu jirregola ruhu. Il-kunsillier Bugeja jiccara li hu fl-ebda hin ma qal li dawn ghandhom jinqalghu. Qamet diskussjoni dwar jekk fil-fatt l-agreement ta' Blues Ltd. jirriflettix dak li ġie approvat mill-Kunsill.

3.12. Il-kunsillier A. Grima jakkar li fil-passat il-kunsill kien accetta l-finanzi permezz tas-sandwich boards, u li wara l-pulizija marru jnehhuhom. Għalhekk il-kunsill kien iddecieda li b'kompromess isiru tabelli mal-hajt u ghalhekk issuggerixxa li jinstab kompromess skond dak li tippermeti l-ligi.

3.13. Dwar punt 7.5 is-Sindku nfurmat li kien ħareġ avviż ta' infurzar mill-Planning Authority. Il-kunsillier A. Grima fakkar li għalkemm resident waqt il-laqgħa kien qal li ma tantx jidher li ser jissolvew il-porblemi, fil-fatt decizjoni ttiehdet u kienet favur l-interess ta' Malta kollha.

3.14. Is-Sindku tkellmet dwar punt numru 8 u infurmat li skrivana ser tibda taħdem nhar it-Tnejn 3 t'Ottubru, u ohra bdiet. Il-kunsillier A. Grima staqsa jekk hux se mmorru ghal ta' warajhom, izda s-Sindku qalet li kif ġie maqbul fl-ahhar laqgha dan l-istadju tal-proċess tal-intervisti għandu jingħalaq għalissa u jitkompla iktar 'il quddiem.

3.15. Dwar punt numru 9.1, il-kunsillier A.Grima staqsa kif is-Sindku kienet qalet li ntbaghtu l-green wardens u dawn ma hallewx effett, filwaqt li c-CSD qalu li kull meta ntbaghtet persuna bhala awtorita dejjem kien hemm rizultat pozittiv u nghataw tahrikiet. Is-Sindku qalet li dan kien zvilupp mill-ahhar laqgha u li t-tahrikiet inhargu mill-pulizija mhux mill-wardens.

## 4. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

4.1. Minhabba l-prezenza tan-nies fis-sala s-Sindku rrimarkat li ser tibda l-komunikazzjoni taghha bil-punt dwar l-applikazzjoni PA 5662/16 dwar : *Change of use from class 4 to place of worship and sanctioning of minor internal and external changes*. Is-Sindku tat spjegazzjoni qasira dwar din l-applikazzjoni, u preżentat il-pjanti u ritratti tas-sit. Qalet li l-Kunsill irrċeva żewġ emails b'oġġezzjonijiet li mhumiex iffirmati, u li fis-sit tal-Awtorita' ta' l-ippjanar hemm numru ta' rapprezentazzjonijiet. Is-Sindku qalet ukoll li ghamlet kuntatt mal-pulizija, u li għalkemm ġiet infurmata li ma kienx

hemm rapporti dwar dan is-sit, jista' jkun li kien hemm ilmenti li ma kienux ufficjali. Il-kunsillier A. Grima qal li f'laqgha ma' l-ex Supretendent kien gibed l-attenzjoni dwar dan, u li ladarba hemm ksur ta' ligi, il-kunsill jista' lanqas ikompli jiddiskuti.

4.2. Is-Sindku fakkret li l-applikazzjoni qiegħda tiġi diskussa 'l bogħod minn reliġjon partikolari tant hu hekk li t-ttitlu tal-applikazzjoni jispeċifika biss post ta' talb. Hi ressqet xi punti mill-ilmenti li ssemmew s'issa mill-pubbliku in generali, fosthom il-problema ta' parkegg li tinholoq, li l-post huwa inadekwat, zghir, u mhuux accessibli ghax jinsab taht il-livell ta' l-art u tista' tinzel ghalih biss bit-tarag. Semmiet ukoll li skond ritratti li dehru fil-media diversi nies barra mis-sit qed joholqu nkonvenjent, u li kien hemm ukoll ilmenti mir-residenti li dan kollu qed johloq nuqqas ta' ordni pubblika. Fakkret li dan il-post qiegħed jopera b'mod illegali u li l-Kunsill ma għandux japprova dan.

4.3. Il-kunsillier Bugeja issuggerixxa li għandhom isibu post adekwat, japplikaw speċifikament għal dan l-iskop u li ssir konsultazzjoni.

4.4. Il-kunsillier Daniel Grima jistaqsi jekk dan it-tarag li jaghti ghall-basement iwassalx ukoll ghal propjeta' ohra.

4.5. Il-Vici Sindku David Thake jghid li l-kunsill ghandu quddiemu applikazzjoni partikolari u allura rridu nitkellmu dwar din l-applikazzjoni li ghandu quddiemu.

4.6. Il-kunsillier A. Grima qal li kien jemmen li meta jkun hemm applikazzjoni li tolqot tant nies ghandha tkun fuq l-agenda ghar-raguni li l-pubbliku jista' jara l-agenda. Is-Sindku qalet li kif ġara sal-aħħar laqgħat dawn l-applikazzjonijiet kienu parti mill-korrispondenza. Kien hemm qbil li fejn meħtieġ applikazzjonijiet bħal dawn ikunu parti mill-agenda.

4.7. Il-kunsillier A. Grima insista li ma tigi kkunsidrata l-ebda applikazzjoni ta' dan it-tip jekk ma jkunx provdut parkegg adegwat, hekk kif kien qal ukoll fl-applikazzjoni għal Knisja fil-Qawra. Il-Vici Sindku qal li bhala kunsill ghandna nghidu li dak il-post mhux addattat u naghtu r-ragunijiet.

4.8. Il-kunsillier Tabone jghid li hu kien car li huwa kontra li f'dan il-lok ikun hemm post ta' dan it-tip.

4.9. F'dan il-hin giet sospiza l-laqgha biex setghu jitkellmu r-residenti kif ukoll rapprezentant tal-Malta Muslim Community li kienu prezenti ghal-laqgha.

4.10. Il-laqgha kompliet fit-20:02. Is-Sindku spjegat fil-qosor dak li ntqal waqt is-sospensjoni tal-laqgha.

4.11. Il-kunsillier Tabone jghid li punt li ma ssemmiex kien il-fatt li li b'applikazzjoni bhal din ser ikun qed jigi affetwat b'mod negattiv il-valur tal-propjeta'.

4.12. B'mod generali gie maqbul illi l-kunsill joggezjona ghal din l-applikazzjoni fuq bażi tal-punti mressqa mis-Sindku fil-bidu tal-laqgħa.

4.13. Il-kunsillier Tabone issuggerixxa li l-kunsill jiehu pozizzjoni minghajr ma jaghti ragunijiet, izda l-kunsilliera prezenti qalu li ghandhom jinghataw ragunijiet ghad-decizjoni li tittiehed. Ghalhekk il-kunsillier Tabone qal li jekk ser insemmu ragunijiet, dan il-punt tal-valur tal-propjeta' ghandu jissemma.

4.14. Kien hemm qbil li l-Kunsill għanu jagħmel oġġezzjoni formali mal-Awtorita' tal-Ippjanar dwar din l-applikazzjoni.

4.15. Il-kunsillier A. Grima talab lill-kunsill biex jaghmel talba lill-Awtorita' ta' l-ippjanar biex ghalkemm dan mhux *major project*, imma jhalli *major impact*, allura l-kunsill ghandu jkollu dritt li jkun prezenti fuq il-bord. Il-kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

4.16. Is-Sindku kkomunikat li qed tintlaqa' l-lista tal-persuni residenti fil-lokalita' li jixtiequ jircievu l-vaccin kontra l-influwenza. Il-Kunsill qabel li bħas-snin l-imgħoddija l-Kunsill joffri dan is-servizz.

4.17. Is-Sindku rreferiet għal korrispondenza mibghuta lill-Kunsilliera dwar inizjattiva ghal tnaqqis ta' skart li għaliha l-kunsill jista' jirbaħ premju, uakkret lill-kunsilliera biex jibagħtu l-proposti tagħhom.

4.18. Is-Sindku qalet li flimkien mal-kunsillier Joseph Vella thejjiet applikazzjoni għal opportunita ta' partnership *f'Youth Exchange* fil-Polonja fejn il-Kunsill Lokali ta' Hal Luqa huwa l-*lead partner*.

4.19. Is-Sindku nfurmat li deher avviz f'wiehed mis-siti socjali dwar *vacancy* fil-latrini pubblici fil-lokalita', fejn wahda mill-kundizzjonijiet f'dan l-avviz kienet li l-persuna ma tkunx ta' dixxendenza Afrikana. Is-Sindku qalet li l-Kunsill Lokali iddisassoċja ruħu minn dan l-avviz li ma nharigx mill-kunsill u li l-kunsill lokali ma għandu l-ebda konnessjoni miegħu . B'dan ġie nfurmat ukoll id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

4.20. Is-Sindku infurmat li jistghu jizdiedu postijiet fejn ikun hemm kontenituri tal-hwejjeg u għaldaqstant il-kunsilliera għandhom jibgħatu s-suġġerimenti tagħhom dwar fejn dawn jistgħu jiġu nstallati bi qbil mal-fornitur.

## 5. ĦLAS TA' KONTIJIET U XIRI TA' OĠĠETTI

5.1. Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq l-iskeda tal-pagamenti.

5.2. Is-Sindku innotat u talbet l-approvazjoni ta' pagament li ma dahalx f'din l-iskeda lil District Operations Ltd li jkopri l-overtime lill-ħaddiema inkarigati mit-tindif tal-lattrini u lis-sur Mario Vella li kien assenjat mal-Kunsill Lokali u li kien ser jispicca din il-gimgha.

5.3. Il-Vici Sindku staqsa dwar il-pagamenti lil Sergio Borg għax talab xi xoghlijiet li għadhom ma sarux. Is-Sindku talbet lista ta' dawn ix-xogħolijiet sabiex is-SE jiċċekja dwarhom.

5.4. Ġie maqbul ukoll li kif sar is-sena l-oħra isir tindif tal-culverts fil-lokalita', kif ukoll li jinxtraw numru ta' litter bins u dog poo bins.

## 6. ATTIVITAJIET TAL-MILIED

6.1. Is-Sindku nfurmat li ġie ccekjat id-dawl tal-Milied u rrizulta li kien hemm numru sostanzjali ta' dwal ma jahdmux u li jidher li mhux worth it jissewwew. Intqal li dan il-fatt għandu jittieħed in konsiderazzjoni meta jintalbu l-kwotazzjonijiet.

6.2. Il-Vici Sindku staqsa jekk nistghux nibnu fuq il-kuncett tal-Kunsill Lokali ta' San Giljan fejn tintuza s-sistema ta' sub contracting iffukata fuq post wiehed u l-affarijiet isiru sew. Dan apparti l-armar li jsir is-soltu.

6.3. Il-kunsillier R. Tabone ssuġerixxa li naraw jekk hemmx xi hadd interessat li jarma villagg tal-Milied.

6.4. Is-Sindku ipproponiet li jinholoq sotto kumitat dwar l-attivitajiet tal-Milied u staqsiet lil dawk preżenti min jixtieq ikun parti minn dan is-sotto kumitat. Dawk interessati kienu s-Sindku, il-vici Sindku u l-kunsilliera Anne Fenech. Ġie deċiż li l-Bord ikun magħmul minn dawn il-membri. Il-kunsillier A. Grima offra l-ghajnuna tieghu izda ma xtaqx li jaghmel parti mis-sotto kumitat.

## 7. AGGORNAMENTI

7.1. Il-Kunsillier Bugeja ippropona li l-hin tal-laqgha jinbidel mis-19:00 ghas-18:00. Qal li mhux se jkun possibli ghalih li jattendi l-laqgha ta' Ottubru, izda jerga' jkun disponibbli mil-15 ta' Novembru. Kien hemm qbil mal-bidla fil-hin tal-laqgha għal-laqgħa li jmiss.

7.2. Il-Vici Sindku igibed l-attenzjoni li gew diversi persuni jilmentaw dwar papri li qed jaghlfuhom f'post qrib ir-residenzi. Jidher li dan l-ilment qed ikun ripetut u jissuggerixxi li mmorru fuq il-post.

7.3. Il-Vici Sindku semmaTriq it-Torri u ssugerixxa li parti mit-triq li twassal ghaliha ssir one way bil-kontra. Il-kunsillier Raymond Tabone jghid li jekk titwessa n-nizla tissolva l-problema, imma dan jista' jiehu z-zmien.

7.4. Il-kunsillier Tabone ssuggerixxa li jkun hemm persuna li darba kull hmistax idur il-bozoz tat-toroq biex jara liema huma maqtughin.

7.5. Il-kunsillierCremona rrefera għal culverts fit-triq tal-kunsill ftit 'il fuq mill-kappella tal-karmnu u qal li dawn huma misdudin bil-konkos u jsemmi l-possibilta' li jsiru xi alterazzjonijiet. Il-kunsillier Bugeja jghid li l-problema hija l-culverts misdudin u ma jarax li hemm bzonn ta' alterazzjonijiet.

7.6. Il-kunsillier Alfred Grima qal li diversi drabi rrapporta bankina perikoluza fi Triq il-Qawra u din baqghet ma saritx. Qal ukoll li jixtieq aktar informazzjoni dwar il-kuntratt tal-garaxxijiet ta' Blue Waters u jistaqsi min fil-verita qed jibbenifika minnu. Il-kunsillier Grima jigbed l-attenzjoni wkoll li l-vici Sindku kemm -il darba semma t-tariffi tat-telefon tal-lift u bqajna bla risposta.

7.7. Il-kunsillier Bugeja semma l-kaz tal-inċident fil-Veccja u fakkar li t-tarag li kien perikoluz kien inghalaq, u staqsai kif rega' nfetah u min awtorizza li jinfetah. Is-Sindku qalet li issa reġa nghalaq l-aċċess, permezz ta' barrikati mill-pulizija, u li saru tabelli mill-Kunsill u ntalab rapport mill-Perit tal-Gvern minhabba l-periklu, i kemm ghal hawn kif ukoll ghaz-zona faccata tal-iskola fejn inghad li wkoll hemm periklu.

7.8. Gie mitlub li niccekjaw il-procedura dwar assenjar ta' Gwardjani Lokali. Issemmiet legal notice 119/2002 li tghid li min japplika ghal permess jista jigi obbligat li jqabbad gwardjan lokali.

8. TMIEM IL-LAQGĦA

**8.1.** **Fid-21:30 il-Kunsill qabel il jtemm il-laqgħa.**

**8.2.** **Gie deciz li l-laqgha li jmiss issir il-Hamis 27 t'Ottubru 2016 fis-18:00.**

IFFIRMATA
**Graziella Galea**
**Sindku**

IFFIRMATA
**Malcolm Agius**
**Segretarju Eżekuttiv**